# KUNSILL LOKALI MTARFA

## IS-SITT LEĠIŻLATURA
## MINUTI TAL-LAQGĦA TAL-KUNSILL
## LAQGĦA NUMRU 39 – IL-ĦAMIS 23 TA' LULJU 2015

Il-Kunsill iltaqa' fis-Sala tal-Kunsill Lokali Mtarfa fis-7:30pm.

| | | |
|---|---|---|
| Preżenti : | Daniel John Attard | Sindku |
| | Simon Paul Fenech | Kunsillier |
| | Anthony Mifsud | Kunsillier |
| | Helen Bugeja | Kunsillier |
| | Josette Micallef | Segretarju Eżekuttiv |
| | Jaime Marie Galea | Ambaxxatur taż-Żgħażagħ |
| Skużat : | Antoine Vella | Viċi Sindku |

Ma kienx hemm attendenza mill-pubbliku.

**1. APPROVAZZJONI TAL-MINUTI NRU. 38**

1.1 Il-minuti ntbagħtu minn qabel u għaldaqstant kienu meqjusa moqrija.

1.2 Il-minuti ġew approvati u ffirmati mis-Sindku u mis-SE mingħajr ebda emenda.

**2. PUNTI MILL-MINUTI**

2.1 Is-Sindku informa li x-xogħol fuq il-proġett tal-bosk kien għadu għaddej. Fakkar li l-Kunsill kien irnexxielu jġib estensjoni sabiex ix-xogħol kollu jitlesta sal-aħħar ta' Settembru 2015 minflok Ġunju kif previst. Huwa informa li riċentament kienu nħarġu avviżi għal kwotazzjonijiet fir-rigward tal-bosk, dik għall-installazzjoni ta' *composite bench*, pompa għall-ilma tal-ġibjun u skultura għall-entratura.

2.2 Is-SE infurmat li kienu għadhom qed jinġabu aktar kwotazzjonijiet għall-*air-conditioner* għal-librerija. Kien tela' aktar minn *direct order* u ghaldaqstant ghadna ngibu l-kwotazzjonijiet. Il-Kunsill issuġġerixxa li possibbilment minflok wieħed ta' output kbir, għandhom jinxtraw tnejn ta' 12BTU. Is-SE infurmat li kienet se żżommhom infurmati permezz tal-*email*.

2.3 Hawnhekk is-SE infurmat li kienet marret fuq il-post mas-Sur Baldacchino. Fost il-lista ta' siġar u suġġerimenti li għamel għall-*planter* ta' Triq Gregorio Caraffa, huwa kien semma rummien, lewż u ħannewija però l-Kunsill ma qabilx ma' dawn is-suġġerimenti u se jġib aktar kwotazzjonijiet għal arbuxxell għad-dawra tal-*planter*. Is-SE infurmat li kienet qed tistenna pjanta bis-suġġerimenti tas-Sur Baldacchino għall-wesgħa ta' quddiem Binja Ġebel Dwejra.

2.4 Fir-rigward il-proġett tal-pjazza, is-SE infurmat li l-laqgħa mal-Kurja kienet inzammet. Dawn kienu talbu lill-perit biex iħejji rapport dettaljat biex jgħaddi min-numru ta’ bordijiet tal-kurja sakemm finalment jingħata risposta l-Kunsill.

2.5 Is-SE infurmat li x-xoghol relatat ma’ para. 3.3 kien sar.

2.6 Is-SE infurmat li kellha l-informazzjoni kollha meħtieġa dwar l-assikurazzjoni għal safar. Hija spjegat u wriet kwotazzjonijiet li huwa aktar finanzjarjament vijabbli li l-Kunsill ikun fuq skema milli jġib kwotazzjoni kull darba li jkun hemm safar. Għaldaqstant il-Kunsill qabel li għandu jikkonferma din l-iskema mal-assigurazzjoni tal-Kunsill.

2.7 Is-SE infurmat li kienet saret il-laqgħa mar-rapprezentanti tal-Aġenzija Sapport dwar il-ħtiġijiet li kien hemm bzonn li jsiru fil-binja. Minħabba li dawn semmew ukoll xogħol bħal tibdil ta’ madum matul il-kuridur kollu minħabba l-periklu, kien hemm qbil li dan kien xogħol li kellu jsir mill-Awtorità bħala l-kerrejja u mhux mill-Kunsill u l-Aġenzija Sapport. Kien hemm qbil li għandha ssir ittra lill-avukat biex jittieħed il-parir tieghu dwar dawn ix-xogħlijiet fil-binja.

## 3. KOMMUNIKAZZJONI MIS-SINDKU

3.1 Is-Sindku informa li kienu qed jinġabru l-kwotazzjonijiet għad-*doggie bins*. Kien hemm qbil li l-Kunsill għandu jixtri numru ta’ *doggie bins* sa massimu ta’ *direct order* biex jitwaħlu mal-lokalità.

3.2 Is-Sindku talab lis-SE sabiex titlob lill-kuntrattur tas-soft areas sabiex jaħseb biex ipoġġi xi fjuri jew arbuxxelli fiz-zona ta’ Triq is-27 ta’ April kif ukoll biex isir pjan ta’ tħawwil għall-planter faċċata ta’ Binja Ġebel Dwejra.

3.3 Hawnhekk is-SE ġiet imfakkra dwar it-talba tar-residenti biex isiru marki ta’ parkeġġi fi Pjazza Palma. Is-SE infurmat li waqt laqgħa li kellha hi u s-Sindku, kienet ġiet mgħarrfa min-naħa ta’ TM li dawn kienu se jinkluduha mal-proġett tal-bypass. Kien hemm qbil izda li għandha ġġib il-kwotazzjonijiet u tressaqhom quddiem il-Kunsill.

3.4 Is-Sindku talab lis-SE sabiex iġġib dettalji tas-sid tal-art li tinsab fi Triq l-Imtarfa fejn il-Kunsill kien qed jaħseb biex jagħmel rilokazzjoni ta’ *bus shelter* li fil-prezent jinsab quddiem il-ħanut taz-zebgħa.

3.5 Is-SE infurmat li l-Precincts Officer tal-Kulleġġ San Nikola kien avviċinaha dwar il-problema tal-għeruq tas-siġar fid-daħla tal-Iskola Sekondarja. Huwa kien qed jitlob rakkomandazzjoni mingħand il-Kunsill. Hawnhekk kien hawn qbil li s-SE għandha titlob parir mingħand il-Perit tal-Kunsill.

3.6 Hawnhekk wasal il-Kunsillier Anton Mifsud. Il-ħin kien it-8:15pm.

3.7 Hawnhekk inqalgħat diskussjoni dwar il-kwistjoni tat-trasport tal-vann għall-anzjani li kien qed jieħu lill-anzjani tal-Imtarfa fid-*day centre* ta’ Ħad-Dingli minflok tal-Imtarfa. Is-SE infurmat li hi kienet kellmet lis-sewwieq tal-vann u dan kien infurmaha li l-anzjani kienu talbu li jmorru Ħad-Dingli u preżenta petizzjoni ffirmata

mill-anzjani. Hawnhekk is-Sindku u l-Kunsillier Fenech qablu li l-Kunsill għandu jonora x-xewqa tal-anzjani imma l-Kunsilliera Mifsud u Bugeja sostnew li ladarba hemm *day centre* fil-lokalità huma jaqblu li l-anzjani għandhom jittieħdu hemm. Wara diskussjoni kien hemm qbil unanimu li għandha tinħareġ kwotazzjoni pubblika għat-trasport tal-anzjani minn u lejn l-Imtarfa. Wara għandha ssir laqgħa mal-anzjani kollha li jattendu d-*day centre* biex il-Kunsill jara ezatt x'inhi x-xewqa tagħhom. Fl-aħħarnett ittieħed vot dwar jekk is-sewwieq tal-vann għandux jitħallas tas-servizz li ta lejn Ħad-Dingli minflok lejn l-Imtarfa. Is-Sindku u l-Kunsillier Fenech qablu li għandu jitħallas filwaqt li l-Kunsilliera Mifsud u Bugeja ma qablux li jitħallas qabel tittieħed deċizjoni dwar jekk is-servizz għandux jingħata lejn l-Imtarfa jew Ħad-Dingli. Hawnhekk intuza l-*casting vote* tas-Sindku u għaldaqstant il-mozzjoni għaddiet bi tliet voti kontra tnejn.

3.8 Il-Kunsilliera Bugeja skużat ruħha mil-laqgħa. Il-ħin kien 8:50pm.

## 4. ĦLASIJIET U PAGAMENTI

4.1 Il-lista tal-pagamenti, kopja tagħha mehmuża, ġiet approvata u ffirmata.

4.2 Sadanittant is-SE ġibdet l-attenzjoni li bi zball kien sar ħlas lill-kuntrattur Chris Gatt dwar l-iskip extra li l-Kunsill diġà kien iddiskuta u qabel li m'għandux iħallas. Hawnhekk il-Kunsill reġa' sostna li dan il-ħlas m'għandux isir. Kemm-il darba l-kuntrattur kien se jinsisti li jitħallas tagħha, il-Kunsill kien se jitlob li jneħħi l-iskip iz-zejda. Kien hemm qbil li għandha titneħħa dik li qegħda fuq ġewwa tal-Iskola Sekondarja minħabba li l-uzu tagħha naqas. Fir-rigward tal-ħlas, kien hemm qbil unanimu li dan l-ammont li diġà tħallas għandu jitnaqqas mill-kontijiet li jmiss. Is-SE infurmat li kienet se tipprezenta l-kontijiet fil-laqgħa li jmiss.

## 5. *POLICY* DWAR XIRI TA' BUKKETTI U FJURI

5.1 Is-SE ġibdet l-attenzjoni li hemm bzonn li jkun hemm linja ċara dwar meta għandhom jinxtraw bukketti tal-fjuri f'isem il-Kunsill. Kien hemm qbil li dawn għandhom jinxtraw f'kaz ta' mewt ta' Kunsilliera u staff u familjari stretti tagħhom.

## 6. KOSTRUZZJONI TA' TRIQ SANTA LUĊIJA

6.1 Is-SE infurmat li wara li l-Kunsill kien għadda numru ta' toroq rurali lill-TM, kienet intagħzlet Triq Santa Luċija sabiex isir ix-xogħol ta' rikostruzzjoni tagħha.

## 7. *PLANTERS* FL-EKS *BARRACKS*

7.1 Is-SE infurmat li hi flimkien mal-Perit u s-Sur Alfred Baldacchino kienu għamlu zjara bejn il-barracks biex jidentifikaw liema huma dawk il-planters li għandhom ħsara jew li se jġarrbu ħsara dalwaqt u x'għandu jsir biex dawn jitneħħew bl-inqas periklu u bl-inqas inkonvenjenza possibbli lir-residenti. Hija infurmat li l-Perit għandha tgħaddi rapport wara aktar konsultazzjoni mas-Sur Baldacchino. Għandha wkoll tibda tħejji dokumentazzjoni għall-ħruġ ta' offerta biex isir dan ix-xogħol.

## 8. MEMO 10/15 – SKEMA TA' GĦAJNUNA FINANZJARJA LIL DAWK IL-KUNSILLI LI GĦANDHOM RESPONSABBILTA' TA' LIBRERIJA PUBBLIKA

8.1 Is-SE infurmat li kienet ġiet prezentata b'ittra ta' konferma li l-Kunsill tal-Imtarfa se jirċievi €600 f'kotba min-naħa tal-Gvern Ċentrali wara li l-istess Kunsill kien ikkommetta ruħu li jonfoq €600 f'kotba hu wkoll.

## 9. AĠĠUDIKAZZJONI TAL-OFFERTI U KWOTAZZJONI PUBBLIKA

9.1 MTFLC/T/02/2015 - Is-SE infurmat li kien hemm kumpanija waħda li waddbet l-offerta tagħha għax-xogħlijiet. Hija kienet għaddiet kopja tar-rati lill-periti biex jgħaddu r-rakkomandazzjoni tagħhom.

9.2 MTFLC/T/03/2015 – Dwar l-offerta tal-kustjodju tal-bosk, is-SE infurmat li kien hemm zewġ offerenti. Wara diskussjoni kien hemm qbil li għandu jintagħzel Carmelo Gauci li kellu l-aktar rata vantaġġjuza.

9.3 Hawnhekk is-SE infurmat ukoll li għalkemm kien sar avviz pubbliku, ma kien hemm ebda offerta għax-xogħol ta' librar fil-librerija tal-Kunsill. Hija kienet se terġa' tagħmel avviz biex forsi tinstab persuna biex tagħmel dan ix-xogħol.

## 10. PUNTI OHRA

10.1 Kien hemm qbil li residenta li toqgħod fi Triq Sir Philip Pullicino tibda tieħu ħsieb planter li jinstab wara r-residenza tagħha. Is-SE ġiet mitluba tagħmel ftehim bil-miktub li ma jistax issir ħsara fil-planter u li dan se jibqa' proprjetà tal-Kunsill Lokali.

10.2 Is-SE infurmat li s-Sur Alfred Baldacchino, espert ambjentali, kien talab li jsirlu ħlas għal xogħlijiet futuri tiegħu wara li għamel ħafna xogħlijiet bla ħlas lill-Kunsill matul dawn l-aħħar sentejn. Ir-rata li kien qed jipproponi kienet ta' €37 fis-siegħa. Il-Kunsill ma qabilx ma' din ir-rata u talab lis-SE sabiex titolbu rata aħjar.

10.3 Is-SE għaddiet kopja tad-disinn li kien qed jiġi propost għar-*reception* tal-Kunsill. Il-Kunsill qabel u għaldaqstant se tmexxi bil-ħruġ tal-offerta pubblika għax-xogħlijiet.

10.4 Is-SE infurmat li resident kien bagħat ittra bl-avukat lill-Kunsill kif ukoll lill-HA dwar ilma li qed jidħollu fil-garaxx. Hija qrat risposta li kien ħejja l-avukat tal-Kunsill lil dan ir-resident. Il-Kunsill qabel li għandha tintbagħat hekk kif proposta mill-avukat.

10.5 Il-Kunsillier Mifsud informa li r-Reġjun Tramuntana kien qed jerġa' jiddiskuti l-kuntratt tad-dawl tat-toroq u fil-prezent kien qed jistenna min-naħa tal-Ministeru biex ikunu jafu kif se jipproċedu.

10.6 Il-Kunsillier Mifsud staqsa dwar ix-xogħlijiet tal-GO fi Triq l-Imtarfa. Is-SE infurmat li kienu waslu xi talbiet għal permessi fl-uffiċċju izda kienet se tikkonferma li x-xogħol kollu qed isir bil-permess.

10.7 Il-Kunsillier Fenech staqsa lis-SE kif se tipproċedi dwar il-funtani tal-eks *barracks*. Hija infurmat li kienet tkellmet ma' persuna inkarigata mill-*Works Division* tal-Gvern li kien lest li jagħmel ix-xogħol hu imbasta l-Kunsill iħallas għall-materjal. Hija kienet se terġa' tagħmel kuntatt miegħu.

10.8 Is-Sindku staqsa lis-SE jekk kienx hemm xi zviluppi dwar id-devoluzzjoni tal-ġnien. Hija infurmat li ma kellhiex aktar zviluppi u ġibdet l-attenzjoni tal-Kunsill biex sakemm għad hemm numru ta' problemi fil-ġnien, ma jgħaġġilx biex jidħol għad-devoluzzjoni għaliex ikollu joħroġ ħafna flejjes fuq manutenzjoni ta' xogħol li ma sarx sewwa mill-ewwel. Is-Sindku xorta insista li l-Kunsill għandu jibda l-proċess tad-devoluzzjoni.

## 11. Aġġornament

11.1 Il-laqgħa spiċċat fl-9:45pm. Il-laqgħa li jmiss se tinżamm nhar l-Erbgħa 19 ta' Awwissu 2015 fis-7:30pm.

________________________

**Josette Micallef**
**Segretarju Eżekuttiv**

________________________

**Daniel John Attard**
**Sindku**